Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,713, 5 ta' Ottubru, 2021

Taqsima B

A.L. 380 tal-2021

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 72 tal-Att dwar Gvern Lokali, il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 363. 06.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fl-ewwel proviso għas-subregolament (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "sa Ottubru 2029" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sa Ottubru 2029:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll il-Kumitat li ġie kostitwit skont l-aħħar elezzjoni qabel dik tal-2021, għandu jżomm il-kariga sal-31 ta' Diċembru 2021, u l-Kumitat il-ġdid elett fl-elezzjoni ta' Ottubru 2021 għandu jibda l-mandat tiegħu fl-1 ta' Jannar 2022:".